## Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Marzu 2020 – Le Comité de Douzelage de Houffalize vs Il-Kummissjoni u l-EACEA

**(Kawża T-236/19)** [1]

***(Rikors għall-annullament – Programm "L-Ewropa għaċ-ċittadini" (2014 sal-2020) – Sejħa għall-proposti "Jumelages de villes 2017, it-tieni skadenza" (EACEA 36/2014) – Deċiżjoni tal-EACEA li tiċħad l-kandidatura tar-rikorrent għan-nuqqas ta' osservanza tal-kriterju ta' eliġibbiltà – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad l-appell amministrattiv relatat mad-deċiżjoni EACEA – – – Kandidatura ppreżentata minn assoċjazzjoni de facto – Locus standi in judicio – Assenza ta' prova ta' eżistenza ġuridika – Inammissibbiltà)***

(2020/C 175/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Le Comité de Douzelage de Houffalize (il-Belġju) (rappreżentant: A. Kettels, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Wils u A. Kyratsou, aġenti), L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (rappreżentanti: H. Monet u N. Durand, aġenti)

### Suġġett

Talba abbażi tal-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament jew għar-riforma, minn naħa, tad-deċiżjoni tal-EACEA tal-25 ta' Ġunju 2018 li tiċħad it-talba ta' sussidju tar-rikorrenti fil-kuntest tas-sejħa għall-kandidaturi "Jumelages de villes 2017, it-tieni skadenza" (EACEA 36/2014) u, min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2019) 572 finali, tal-4 ta' Frar 2019, li tiċħad l-appell amministrattiv ippreżentat mir-rikorrent, skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 235).

### Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA).

3) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talba għal intervent tal-EACEA

4) Le Comité du Douzelage de Houffalize għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u l-EACEA, bl-eċċezzjoni ta' dawk marbuta mat-talba għal intervent.

5) L-EACEA għandha tbati l-ispejjeż tagħha marbuta mat-talba għal intervent.

(1) ĠU C 270, 12.8.2019.

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Marzu 2020 – Lucaccioni vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-507/19)** [1]

***("Rikors għal annullament – Servizz pubbliku – Att preparatorju – Rikors għad-danni – Rikors marbut strettament mar-rikors għal annullament – Nuqqas ta' osservanza tal-proċedura prekontenzjuża – Inammissibbiltà")***

(2020/C 175/35)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrent:* Arnaldo Lucaccioni (San Benedetto del Tronto, l-Italja) (rappreżentant: E. Bonanni, avukat)